MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2006

Appell Civili - Ghawdex Numru. 2/2005/1

**Paul Portelli**

**vs**

**Peter Portelli**

**Il-Qorti,**

Fl-14 ta' Lulju 2005, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid jekk:

"Peress illi l-konvenut ghandu jhallas lill-attur is-somma ta' elf mitejn u sebgha u disghin lira Maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm1297.98) rapprezentanti s-sehem tieghu mill-ispejjez tal-kawza "Joseph Portelli vs Paul

Portelli et" Citazzjoni Numru 29/91 deciza fl-ewwal (1) ta' Dicembru 2000 u sussugwentament fl-appell fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Marzu 2004 u dana skond taxxi ufficjali rilaxxata mir-Registratur tal-Qorti, (Dok A u B) inkluz il-VAT, liema ammont gia' thallas mill-attur ghan-nom tal-konvenut.

Il-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas ukoll l-imghaxijiet fuq dan l-ammont , l-ispejjes ta' l-ittra ufficjali spedita f'Dicembru 2004 u l-ispejjes ta' din il-procedura.

Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni."

Ra r-risposta li tghid hekk:

"Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt, fid-dritt u f'ekwita' u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi l-konvenut ma kienx parti minn dan l-appell u qatt ma nkariga lill-attur biex jintavola xi appell f'ismu u huwa kompletament estraneju ghal appell imsemmi u kwindi mhuwiex il-legittimu kontraddittur. U dan salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Sema' l-provi kemm f'din il-kawza kif ukoll f'dik fl-ismijiet Paul Portelli vs Rita Portelli, deciza minn dan it-Tribunal fit-13.06.05 li bi qbil bejn il-partijiet saret riferenza ghaliha

Ikkunsidra

Illi l-ammont mitlub mill-attur ghall-ispejjez tal-kawza *Joseph Portelli vs Paul Portelli et* jinkludi kemm l-ispejjez tal-prim'istanza kif ukoll dawk tal-appell. Ma jidhirx li hemm kontestazzjoni dwar l-ispejjez tal-prim'istanza. A bazi tal-kalkoli maghmulin fil-kawza Paul Portelli vs Rita Portelli fuq imsemmija, jirrizulta li l-konvenut ghandu jhallas, bhala ko-werriet, is-somma ta' LM329.46c9 lill-attur.

Ghar-rigward tal-appell, l-attur isostni li kiseb il-kunsens tal-konvenut sabiex dan isir – haga li l-konvenut jichad bil-qawwa kollha. Jibqa' fuq l-attur, ghalhekk, il-piz li jipprova dak li qieghed jallega. L-attur jistqarr fl-affidavit tieghu a

fol 16 f' Paul Portelli vs Rita Portelli, li l-appell gie ntavolat minnu u minn huh Peter Paul Portelli. Ma jelabora xejn izjed. Ma jghidx kif kiseb il-kunsens tal-konvenut biex isir l-appell. Jipproduci Dok PP1 li hija ricevuta rilaxxjata mir-Registratur f'isem il-konvenut ghall-ispejjez tal-prezentata tar-rikors tal-appell. Din izda mhix prova assoluta ghax jista' jkun li hallas l-attur u l-ircevuta harget fuq il-konvenut. Jirrizulta pero' li ghand l-avukat Dottor Carmelo Galea, mar l-attur wahdu sabiex isir l-appell. Ir-rikors tal-appell mar jipprezentah l-attur wahdu (ara deposizzjoni ta' Dr Carmelo Galea tal-24 ta' Gunju 2005 f'din il-kawza). Lill-avukat qallu li kien mar bil-karti tal-identita tieghu u ta huh, izda dan ma giex ikkonfermat, kif seta' facilment jigi kkonfermat, mill-attur innifsu u ghalhekk jibqa' *detto del detto.* L-attur l-anqas ma ta' spjega kif giet fil-pussess tieghu il-karta tal-identita' ta' huh. Meta l-avukat Galea baghat ghall-konvenut biex jikkawtela l-appell, dan sostna li huwa ma kienx jaf bl-appell, u rrifjuta li jaghmel il-kawtela. Fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi, it-Tribunal huwa kostrett japplika l-principju *actore non probante, reus absolvitur.*

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' in parte t-talba attrici billi jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' LM329.46c9 bhala sehemu mill-ispejjez tal-kawza msemmija fl-avviz tat-talba. Spejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta' Dicembru 2004 jigu spartiti tlett kwarti mill-attur u kwart mill-konvenut."

Bl-appell minnu interpost l-attur jattakka din is-sentenza tat-Tribunal billi jissottometti li din tmur kontra l-principji ta' l-ekwita` u ta' l-imparzjalita` bi ksur ta' l-Artikolu 8 (2) (d) tal-Kapitolu 380. Huwa jippremetti ghal dan l-aggravju tieghu illi t-Tribunal ghamel apprezzament erroneu tal-fatti meta ddecieda li hu ma pprovax sodisfacentement illi l-konvenut kien immiskja ruhu fil-proceduri ta' l-appell mid-decizjoni fil-kawza "Joseph Portelli -vs- Paul Portelli *et*" (Citazz. Nru 29/91);

Qabel kull konsiderazzjoni ohra jokkorri li tigi registrata din l-osservazzjoni. Id-dritt ta' appell lil din il-Qorti huwa wiehed ristrett ghal dak mahsub mil-ligi bl-Artikolu 8 (2) u (3) ta' l-Att V ta' l-1995. F' kaz fejn pero` l-appellanti jiccirkoskrivi l-appell tieghu ghall-ipotesi prevvista mis-subinciz 2 (d) ta' l-imsemmi Artikolu 8, din il-Qorti trid toqghod ferm attenta illi taht il-parvenza ta' allegata lezjoni tal-principji hemm prevvisti l-appell introdott ma jkunx semplici pretest biex issir kontestazzjoni tal-valutazzjoni tal-fatti. Dan qed jigi rilevat ghaliex, fil-fehma tal-Qorti, l-appell *de quo*, nonostante ir-referenza generika ghall-Artikolu 8 (2) (d), ma jidherx li jikkontjeni hlief kritika ta' l-apprezzament li ghamel it-Tribunal tal-materjal probatorju li kellu quddiemu;

Effettivament, mill-kontenut tar-rikors ta' l-appell jidher bic-car illi l-appellanti illimita ruhu biex jattakka l-kredibilita` tal-konvenut appellat bis-sostenn tax-xhieda moghtija mill-Avukat Dottor Carmelo Galea (fol. 26), li kien jippatrocina lill-kontendenti fil-kawza l-ohra deciza fl-1 ta' Dicembru 2000, u fuq id-dikjarazzjonijiet maghmula mill-appellat innifsu (fol. 23);

Mill-mod kif impustat l-appell, din il-Qorti ma tista' tirraviza xejn li jista' b' xi mod jammonta ghal lamentela ta' xi ksur tal-principju ta' l-imparzjalita`. Minnu ma ssib xejn li jista' jinghad li t-Tribunal ma mexiex b' mod xieraq u gust maz-zewg partijiet jew ma' l-appellanti fil-kondotta tal-proceduri. Anke kieku kellha din il-Qorti tammetti s-sottomissjoni ta' l-appellanti li l-versjoni tal-konvenut ma kellhiex titqies kredibbli, dan ma jgibx imbaghad, lanqas lontanament, illi t-Tribunal agixxa b' mod parzjali, bi pregudizzju ghalih;

Lanqas ma jidher f' kuntest ta' allegata vjolazzjoni tad-dritt ekwitattiv illi t-Tribunal effettivament ghamel tali ezercizzju. Kull ma nsibu fis-sentenza appellata hu biss valutazzjoni tar-rizultanzi tal-provi testimonjali, u gudizzju fuq l-attendibilita tax-xhieda u ta' dawk l-elementi,

processwalment akkwiziti. Zgur li l-appellanti ghandu jaccetta illi bhala arbitru tal-meritu, it-Tribunal kellu kull dritt li jqieghed ghab-bazi tad-decizjoni tieghu fonti ta' prova ad eskluzjoni ta' ohra, u li jadotta l-principju tal-liberu konvinciment fl-ambitu ta' indagini tieghu tal-vicendi processwali, u li jasal, dejjem fil-parametru tal-principju nformatur tal-materja u bir-regola ta' gudizzju tal-kaz konkret, ghal konkluzjoni ragonata li deherlu li l-kaz kien jisthoqqlu;

Maghdud dan, anke kieku kellha din l-Qorti taccetta l-invit ta' l-appellant biex tirrivaluta l-provi ma tarax lanqas kif l-konkluzjoni taghha tista' tkun differenti minn dik tat-Tribunal;

Ibda biex l-allegazzjoni ta' l-appellant illi l-konvenut iddikjaralu li ried jippartecipa fl-appell mis-sentenza fil-kawza l-ohra hi ghal kollox zmentita mill-appellat. Fit-tieni lok, id-deposizzjoni ta' l-Avukat Dottor Carmelo Galea, jekk tista' sservi, ghandha tinqara fl-ambitu ta' dak li rrakkontalu l-appellant u cjoe li ha l-kelma ta' dan biex jinkludi lill-konvenut fl-atti ta' l-appell. Mill-kumplament dan ix-xhud kien kategoriku fejn qal li lilu l-konvenut ma kienx kellmu biex jintavola l-appell f' ismu u li inoltre meta baghat ghalih biex jikkawtela l-appell dan kien qallu li ma kienx jaf bih;

Jikkonsegwi minn dan illi, in forza tal-principju li l-piz tal-prova huwa mixhut fuq minn jafferma fatt u mhux fuq min jinnegah, l-attur appellant htieglu jgib prova aktar rilevanti u perswasiva ghall-konvinciment tat-Tribunal. Hu ben maghruf, skond gurisprudenza pacifika, illi f' kaz ta' zewg versjonijiet dijametrikalment konfliggenti jiffavorixxu lill-konvenut in kwantu kien l-attur li kellu l-obbligu li jipprova l-allegazzjoni tieghu. Ara "**Gemma Cassar Saetta -vs- Imco Distributors Ltd**", Appell Inferjuri, 13 ta' Jannar 1999;

Kwantu ghall-aspett l-iehor tax-xhieda ta’ Dottor Carmelo Galea din ma tista’ tkun ta’ ebda suffragju ghat-tezi ta’ l-appellanti in kwantu tikkonsisti merament minn dak li tgharraflu l-appellanti. Issa huwa veru li f’ certi kazijiet il-Qorti tista’, skond ic-cirkustanzi, tippermetti xhieda fuq kliem haddiehor u fost dawn il-kazijiet hemm meta dan l-istess kliem haddiehor ikollu fih innifsu, importanza sostanzjali fuq il-meritu tal-kawza jew jaghmel parti mill-mertu. Ara, a propozitu, “**Avv. Dr. Giovanni Bonello -vs- Alfred Mifsud**”, Appell Inferjuri, 14 ta’ Jannar 1986 u “**Joseph Mary Vella *et* -vs- Kummissarju tal-Pulizija *et***”, Qorti Kostituzzjonali, 13 ta’ Jannar 1988. Fil-kaz hawn diskuss, pero`, din l-istess “*hearsay evidence*” ma tistax isservi bhala xi prova konkludenti illi tabilhaqq l-appellat kien immanifesta l-hsieb tieghu li ried jappella. Minn dak rikavat *supra* l-kontra hu pjuttost il-kaz;

Jitnissel minn dawn l-konsiderazzjonijiet kollha illi l-appellanti ma pprovax, lanqas issa ghal konvinciment ta’ din il-Qorti, illi tassew jezistu ragunijiet biex il-Qorti ta’ revizjoni tiddisturba l-motivazzjoni u l-konkluzjoni tat-Tribunal adit.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi rigettat u s-sentenza appellata tat-Tribunal ikkonfermata, bl-ispejjez ta’ din l-istanza kontra l-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------